**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 121 / 2023**

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Steve Cordina**

Illum 11 ta' Lulju, 2023.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Steve Cordina detenur tal-karta tal-identita Maltija 428303L, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli nhar it – 8 ta' April, 2022 ghall-habta ta' bejn 19:00 hrs u 20:00hrs waqt li kont gewwa Triq, Kalcidon Agius ma Vjal il-21 ta' Settembru Naxxar.

1. Volontarjament ksirt il-paci pubbliku jew il-bon ordni b'għajjat u/jew glied;

2. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurjajt jew heddidt lil PC 2094 jew ghamilt offiza fuq l-persuna ta' PC2094, persuna njkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li jkun

ghamel dan is- servizz, jew bil-hsieb li tbezzghu jew li tinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl- esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi nqast li tobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilek minn PC2094, Ufficjal Pubbliku waqt li kien qed jaqdi d-doveri tieghu jew ma hallejtux jaqdi, jew fixxkilltu jew indahaltlu waqt il-qadi ta' dmirijietu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar is-7 ta' Marzu, 2023, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 338(4), Art 95(1) u Art 338(ee) tal-Kap 9 Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta' Malta kkundanat lill-imputat komplessivament multa ta' elf u mitejn (€1,200).

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Steve Cordina, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-22 ta' Marzu, 2023, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tilqa' dan l- appell u tilqa l-ewwel zewg aggravji u tannulla s-sentenza appellata u b' hekk tirrimanda l-atti lill-ewwel Qorti sabiex tinghata sentenza skond il-ligi, jew alternattivament tirriforma s-sentenza appellati billi tikkonferma biss s-sejbien ta' htija tal-ewwel u t-tielet imputazzjoni [presumibilment ], filwaqt li thassara fil-bqija u tvarja l-piena nflitta skond il-kaz.

Rat illi l—appellant hass ruhu aggravat minn din is-sentenza interpona umli appell.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Steve Cordina li huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti, u cioe:

1. Illi s-sentenza appellata hija nulla l-ghaliex minkejja li fis-sentenza appellata hemm dikjarat li l-imputat irregistra ammissjoni presumibilment ghall-imputazzjonijiet kollha, in effetti dan ma' kienx il-kaz il-ghaliex l-esponent kien biss ammetta ghall-ewwel u t-tielet imputazzjoni izda mhux ghat-tieni wahda. In effetti il-kawza fil-fatt kienet għaddiet ghas-smiegh tal-provi propju ghaliex kien hemm kontestazzjoni dwar it-tielet talba li addiritura saret trattazzjoni orali finali dwarha. F' dan il-kuntest l-

esponent jirriserva l-jressaq il-prova li anki dak indikati fl-istess sentenza fejn jinghad illi fis- seduta 19 ta' Ottubru, 2022 huwa inghata t-twissija hemm indikata ma' huwiex minnu peress illi dan ma' gara qatt propju ghaliex l-ammissjoni tieghu kienet limitata ghall-ewwel u t-tielet imputazzjoni biss kif inghad u għalhekk il-kawza tabilhaqq hadet il-kors shih taghha.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-sentenza appellata hija manifestament nulla wkoll għaliex fid-decide taghha minkejja li qed timponi l-piena tal-multa, imkien ma' hemm dikjarazzjoni ta' htija u wisq inqas ma' jissemma tal-liema imputazzjonijiet huwa kien qed jigi dikjarat hati.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponent qatt ma' setgha legalment u ragonevolment jinsab hati tat-tieni imputazzjoni u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-appell odjern.

4. Illi f' kull kaz u minghajr pregudizzju il-piena errogata kienet wahda eccessiva.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Semghet lill-partijiet jittrattaw l-aggravji u dan fis-eduta tat-28 ta' Gunju 2023.

Ikkunsidrat.

Illi fl-ewwel lok din il-Qorti sejra titratta l-aggravju sollevat mill-appellant fis-sens li lis-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti hija nulla ghaliex m'ghandhiex fiha dikjarazzjoni ta' htija minkejja li sabet lill-appellant hati tat-tlett akkuzi allegatament fuq ammissjoni tal-akkuzat u ghaddiet biex ikkundannatu ihallas multa ta elf umitejn euro (€1,200).

L-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta hu artikolu importanti hafna peress li jinkopora fih ir-rekwiziti necessarji li ghandha jkollha sentenza tal-Qorti tal-Magistrati. In fatti l-Artikolu 663 (5) jistabilixxi dak li ghandu jissemma fis-sommarju tas-sentenza u jghid li dak li jiddiposni l-artikolu 382 ghandu jkun presenti f'dan l-artikolu ukoll. Ghalhekk l-elementi li jinsabu f'dan l-artikolu huma elementi sine qua non ghall-validita ta' sentenza.

L-**artikolu 382 tal-Kap 9** jipprovdi x'ghandu jkun fiha sentenza tal-Qorti u appuntu jiddisponi s-segwenti:-

> *"Il-Qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena ussemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat."*

Ghalhekk skond dan l-artikolu, il-Qorti ghandha issemmi b'mod partikolari meta qed taghti is-sentenza taghha:

(i) Il-fatti li tagħhom l-akkzuat ikun ġie misjub ħati;

(ii) Tagħti l-piena lill-hati u

(iii) Isemmi l-artikolu tal kodici jew kull rat iehor li johloq ir-reat.

Il-Qrati f'hafna okkazjonijiet stqarrew u insistew fuq l-importanza li jigi segwit dak li jiddisponi l-artikolu 382 tal-Kap 9. Tant hu hekk li hemm numru ta' sentenzi li jipprovdu li nuqqas wiehed ta' xi formalita' f'wahda minn dawn it-tlett elementi fuq imfissra imwassla ghan-nullita ta' sentenza bhala rizultat ta' difett fil-formalita'. Fi kliem iehor dawn ir-rekwiziti m'humiex semplici formalita' izda rekwiziti necessarji ghall-validita' tas-sentenza.

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Emanuel Azzoparti et</u>**[1] il-Qorti irriteniet li:-

> *"Skont ġurisprudenza paċifika tal-Qorti tal-Appell Kriminali, l-inosservanza ta' xi wieħed irrekwiżiti tal-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jammonta għal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428(3) tal-imsemmi Kodiċi, bil-konsegwenti nullita'*

[1] Vol.LXXXIII.1999 Part IV paġina 340

*tas-sentenza jew ta' parti minnha skont il-każ. Tali nullita' hija sollevabbli 'ex ufficio'".*

Jinghad ukoll li fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mario Agius**[2], gie ritenuto li:-

*"in-nuqqas ta' osservanza ta' dak li hemm provdut fl-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jammonta ghan-nuqqas ta' formalita` sostanzjali".*

Dawn ir-rekwiziti huma alternattivi ghal xulxin u ghalhekk u sabiex sentenza tigi dikajrata nulla mhemmx lok li jkun hemm nuqqas f'kull rekwizit izda jekk jirrizulta li hemm nuqqas f'wiehed minn dawn ir-rekwiziti dan ikun bizzejjed sabiex is-sentenza tigi ddikajrata nulla. Ghalhekk peress li dawn iz-zewg rekwiziti imsemmija fl-artikolu 382 ghandhom ikun prezenti f'kull decisjoni tal-Qorti, in-nuqqas ta' wahda minnhom, jammonta ghan-nuqqas ta' formalita' fis-sustanza u konsegwentement iwassal ghan-nullita tas-sentenza.

Dwar il-kwistjoni sollevata mid-difiza fir-rikors taghha, li fis-sentenza ma hemmx dikjarazzjoni ta' htija din il-Qorti tiddikjara in-nullita tas-sentenza ai termini ta' l-istess artikolu 382 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta. F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. Pierre Micallef Grimaud) Vs Joseph Agius'**[3] fejn inghad li:

*"………Ovvjament la l-Qorti hija marbuta illi taghti l-fatti li taghhom l-appellant ikun gie misjub hati, tfisser illi ghandu jkun hemm id-dikjarazzjoni ta' htija ghax altrimenti huwa inutili li ssemmi l-fatti. In-nuqqas ta' dikjarazzjoni ta' htija twassal ghal nuqqas ta' formalita` sostanzjali bhal ma wkoll hija suggetta ghall-istess censura n-nuqqas ta' dikjarazzjoni ta' x'hix l-akkuzat qed jinstab hati. Ghalhekk peress illi l-ewwel sentenza hija karenti minn dawn l-elementi din il-Qorti m'ghandhix triq ohra hlief illi tilqa` dan l-aggravju, tiddikjara s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti nulla u bla effett u tordna illi l-atti jigu rimandati lill- Ewwel Qorti sabiex tinghata sentenza skont il-ligi'*

[2] Deciz mill-Qorti tal Appelli Kriminali fit-3 ta Frar 1995
[3] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-15 ta' Marzu, 2012 (Appell Kriminali Numru. 171/2011)

Illi fil-kaz in desamina jidher bic-car li fil-parti dispozittiva taghha ma hemmx dikjarazzjoni ta' htija dwar ir-reati li qed issibu hati taghhom hemm biss kundanna ghal multa ta' elf u mitejn euro (€1,200) u ghalhekk dan ir-rekwiziti rikejsti *sine qua non* skond l-artkolu 382 u cioe' id-dikjarazzjoni ta' htija hija nieqsa u ma thallu l-ebda triq ohra f'idejn din il-Qorti kif preseduta li tannulla is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti.

Ghalhekk din l-Qorti qeda tannulla is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti u sejra titratta l-aggravji tal-appell mill-gdid bhala d-difiza tal-appellant sabiex b'hekk tkun f'pozizzjoni li taghti is-sentenza finali taghha.

L-appellant jiddikjara ukoll li s-sentenza hija nulla ukoll minhabba l-fatt li l-ewwel Qorti sabitu hati fuq ammissjoni tieghu fuq it-tlett akkuzi meta fil-fatt kif jirrizulta mill-verbal tal-Qorti data 11 ta' Mejju 2023 l-appellant irregistra ammissjoni dwar l-ewwel u t-tielet akkuza. Jirrizulta ukoll li l-ewwel Qorti lanqas tat it-twissija skond il-ligi dwar l-ammissjoni registrata minnu fir-rigward tal-ewwel u t-tielet akkuza. Pero dwar dan in-nuqqas din, il-Qorti mhi ser tghid xejn ghaliex gja iddikjarat l-ewwel sentenza bhala nulla.

Illi jirrizulta mill-atti li l-appellant irregistra ammissojni dwar l-ewwel u t-tielet akkuza u din l-ammissjoni regghet giet registrata quddiem din il-Qorti nhar il-11 ta Mejju 2023. Illi ghalhekk fuq din l-ammissjoni parzjali din l-Onorabbli Qorti qed issibu hati tal-ewwel u t-tielet akkuza. Pero dwar it-tieni akkuza l-Qorti kellha tifli l-provi migbura fl-atti sabiex tara jekk it-tieni akkuza tistax tirrizulta provata. It-tieni akkuza tikkoncerna ksur tar-reat ta' oltragg kif dispost fl-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali ta' Malta.

Illi l-Artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja u t-theddid fil-konfront tal-ufficjal pubbliku. Dan ir-reat huwa dak ta' oltraggio kif ikkontemplat fl-Artikolu 194 tal-Kodici Kriminali Taljan li huwa forma ta' ingurja ta' gravita` specjali minhabba dak ir-rispett li kull cittadin ghandu juri lejn ufficjal pubbliku.

Illi ghalhekk l-element materjali ta' dan ir-reat huwa l-ingurja jew it-theddid. Dawn jistghu jiehdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, gesti jew tpingija li huma intenzjonati biex inaqqsu l-gieh u r-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti. Il-

vittma ta' dan ir-reat jista' jkun biss l-ufficjal pubbliku u l-ingurja jew it-theddida trid issir jew (1) filwaqt illi jkun qed jaghmel servizz pubbliku (2) jew inkella minhabba li jkun ghamel dan is-servizz pubbliku (3) jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-motiv wara l-ingurja jew it-theddid fl-ewwel istanza u dan il-motiv fit-tieni u t-tielet istanza msemmija fil-ligi. Dan billi meta l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku jkun qieghed jaghti s-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja jew it-theddida tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa jkun qieghed jezercita. L-awturi Cheveau et Helie, li jsemmi l-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, jghidu hekk:

> *"Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltanto il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre."*

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra, irid jigi ppruvat in-ness bejn l-oltragg u l-qadi tal-funzjoni pubblika.

Finalment ir-reat irid necessarjament jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew ta' persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku.

Il-**Professur Mamo** fin-notamenti tieghu jghid hekk:

> *"This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc of office, provided the offender was aware of his status as such person."*

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Ottubru 1997, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Amante Camilleri</u>**, inghad illi l-elementi ta' dan ir-reat huma s-segwenti:

> *"Kif gie ritenut mill-Qorti Kriminali … fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Emmanuele Cassar, deciza fit-12 ta' Dicembru, 1936 (Kollez.*

*Deciz. Vol. XXIX.IV.593), biex ikun hemm id-delitt ta' oltragg hemm bzonn li l-kliem denunzjati bhala igurjuzi jkunu nghadu lil wiehed li ghandu l-kwalifika ta' ufficjal pubbliku, u li jkunu nghadu officio durante vel contemplatione officii. Rekwizit iehor huwa li l-kliem jigu pprofferiti fil-presenza ta' l-ufficjal in kwistjoni, ossia de visu, ghax altrimenti ma jkunx hemm ir-reat ta' oltragg izda dak ta' ingurja komuni. Inoltre hemm bzonn li l-kliem (jew gesti, kitba, disinji, ecc.) jkunu fil-fatt ingurjuzi, kif ukoll hemm bzonn l-element formali li jikkonsisti fl-intenzjoni li wiehed joffendi ufficjal pubbliku. Hemm kazijiet li fihom l-element morali (formali), cjoe` dana l-animus injuriandi, jigi presunt, u dana jsir meta l-kliem ikunu per se ingurjuzi u tali li wiehed ghandu ragonevolment jirritjeni, fl-assenza ta' prova in kuntrarju, li ntqalu bil-hsieb li l-persuna li ghaliha dawk il-kliem kienu diretti tkun ingurjata, cjoe` bil-hsieb li jintilef jew jitnaqqas il-gieh ta' dik il-persuna. Jekk, pero`, il-kliem ma jkunx per se u mad-daqqa t'ghajn ingurjuz, trid issir indagini biex wiehed jistabilixxi jekk il-prosekuzzjoni ppruvatx sal-grad li trid il-ligi f'materja penali li dawk il-kliem intqalu f'cirkostanzi u b'tali mod li kienu ingurjuzi ghall-persuna li lilha kienu diretti u ntqalu mill-agent bl-intenzjoni li joffendu. Fi kliem iehor, anke jekk il-kliem ikun per se u mad-daqqa t'ghajn ingurjuz, jista' jaghti l-kaz li jkunu ntqalu mhux bl-intenzjoni li joffendu izda, per ezempju, b'cajta (animus jociandi) jew filwaqt li l-agent ikun qieghed legittimament jipprotesta kontra xi agir partikolari (animus reclamandi). Ghalhekk jekk il-Qorti tkun sodisfatta li l-hsieb tal-agent ma kienx li jingurja izda li jaghmel rimostranza, jigi nieqes dan ir-reat. Tali protesta, izda, certament ghandha l-limiti taghha; il-kliem li jinghad u specjalment il-mod kif jinghad ghandu jkun limitat sabiex titwassal dik il-protesta, b'mod ghalhekk li f'kaz ta' eccess ma jkunx jista' jibbenefika mid-difiza li dan il-kliem ikun intqal minnu animus reclamandi."*

Ghalhekk li din il-Qorti spejgat dak li irid jigi provat biex dan ir-reat jissusisti din il-Qoti ser tezamina l-provi akkolti f'dan il-process.

**PC 2094 R Bonnici** xehed permezz ta' affidavit, liema affidavit jinsab esebit fl-atti a fol. 2 u jghid li nhar it-18 ta' April 2022 ghall-habta ta' 18:45 gewwa l-ghassa tan-Naxxar l-akkuzat mar jirraporta li gewwa l-playground tan-Naxxar hemm grupp ta' persuni fejn qed idoqqu xi instrumenti muzikali.

Zied jghid li certu Douglas John Falzon kien qed jghajjat mat-tfal li kienu qed jilghabu fil-playground indikat. Fejn ukoll stqarr li kulhadd seta' juza l-playground f'xi hin irid huwa. F'dak il-mument il-persuna relatata l-ohra jigifieri Douglas John Falzon li huwa Scout leader tal-boys spjega li b'lehen baxx u kalm li huma kellhom il-go ahead u l-permessi mehtiega mahruga minn certu Paul (segretarju tal-kunsill lokali tan-Naxxar). F'dak il-hin l-akkuzat beda jghajjat b'lehen gholi fejn qal *'lili tigi tccekjawni meta ikun ha naghmel xi xoghlijiet u lil dan mu ha tghidiulu xejn.'*

Huwa ordna lill-akkuzat biex ibaxxi lehnu u jitkellem b'ton aktar baxx pero hu baqa' jghajjat izjed b'tonn gholi u injora l-ordnijiet legittimi tieghu. Ghalhekk dahal gewwa l-ghassa sabiex jevita izjed disgwid. Dak il-hin cempel lil dan Paul fejn dan ikkonferma illi Douglas John Falzon kellu l-permessi tal-kunsill kif ukoll li ghandhom xi permessi specjali nhar l-1 ta April 2022, 8 ta' April 2022, 22 ta' April 2022 cioe' il-boy scouts ghandhom access biex juzaw il-playground ta' Naxxar fid-dati indikati.

Ghal habta ta' 19:30 l-akkuzatt cempel l-ghassa tan-Naxxar biex jerga' jirraporta lil-istess tfal ta' l-isocuts li bdew idoqqu l-banda. Huwa stqarr illi kienu ghadhom fil-ground u li ma ittiehdet ebda azzjoni mill-pulizija sabiex dawn jitwaqfu immedjatament. Huwa beda jghajjat din id-darba fuq it-telefon fejn beda jitlob biex jigi xi hadd mill-ghassa fen dak il-hin infurmah li kien jinsab wahdu gewwa l-ghassa u li l-kollegi tieghu kienu fuq rapport fuq barra kif ukoll li kellu n-nies qed jghamlu rapport mieghu dak il-hin. Huwa zied jghid b'ton gholi li kien imissu jisthi li mhux ha jiehu azzjoni u jwaqqafhom immedjatament, fejn wiegbu *'naqbad u naghlaq l-ghassa hekk qed tghidli?' Imbaghad min ha jghamel r-rapport jew jirrispondi t-telefonati?'*

Huwa zied jghid b'mod sarkastiku din id-darba 'Tghid mhux ha nghidlek jien kif taghmel xoghlok' u imbaghad qata'. Huwa fil-pront skuza ruhu mal-persuni li kellu quddiemu fejn dawn fehmu is-sitwazzjoni. Imbaghad ftit tal-hin wara mar jiccekja l-post indikat mill-kwerelant ghal darb ohra. X'hin qasam it-triq seta jinnota li l-persuna tal-akkuzat kien qieghed fuq l-mowbajl ihares lejh li kieku kien qed jistennieh.

Hemmhekk ma sema l-ebda ghajjat kif sostna l-akkuzat pero seta jisma l-musika li bdew idoqqu l-grupp tal-iscouts.

X'hin ma innota xejn irregolari dar lura rega qasam it-triq fejn dak il-hin l-akkuzat mar fuqu ghal darba ohra u b'ton ghali allu. '*mhux ha taghmel xejn?*' Huwa wiegbu li '*ma kien hemm xejn hazin kif ukoll li kellem persuni minn naha tal-kunsill u kkonferma li ghandhom il-permess neccesarju sabeix juza l-imsemmi ground ghall-attivitajiet taghhom inkluza dik ta dakinhar.*'

L-akkzuat wiegbu 'imbaghad trid ir-rispett minn ghandna ic-cittadini' u 'issa nirraportak id-depot talli mhux qed taghmel xogholok. Huwa ma tkellem xejn dahal lura u skuza ruhu mal-persuni li kien hemm jistennewh go l-ghassa peress li dak il-hin kien wahdu u kien qed idahhal rapport.

Ghal habta tat-20:15 tal-istess jum il-persuna l-ohra cioe' Douglas John Falzon rega' irraporta l-ghassa tan-Naxxar ghax beda jinkwieta fuq dak li kien gara aktar kmieni kif ukoll stqarr mieghu illi tfal li kellhom madwar eta ta' 10 snin kienu imwerwin minhabba l-agir u l-komportament ta' dan l-akkuzat.

Sabiex jinstab htija taht dan l-artikolu tal-ligi, li l-vittma ta' dan ir-reat jista' jkun biss l-ufficcjal pubbliku u l-ingurja jew it-theddida trid issir jew (1) filwaqt illi jkun qed jaghmel servizz pubbliku (2) jew inkella minhabba li jkun ghamel dan is-servizz pubbliku (3) jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Issa fil-kaz in desamina ma jidhirx li in effetti l-akkuzat hedded lill-ufficcjal tal-pulizija PC 2094 R Bonnici izda irregistra l-oggezzjoni tieghu ghal manjera kif fil-fatt hadu jew ahjar kif agixxa fuq ir-rapport tieghu. Fl-ebda hin pero ma heddu u ghalhekk dan ir-reat ma jistax jissusisti.

Ghalhekk din it-tieni akkuza ma tirrizultax provata.

Konsegwentement din il-Qorti qed issib lill-appellant hati tal-ewwel u it-tielet akkuza fuq ammissjoni tieghu stess u mhux hati tat-tieni akkuza minn liema akkuza qed tilliberah. Dwar il-piena stante li din il-Qorti qeda tiggudika lill-appellant mill-gdid hija libera li taghti kwalsiai piena basta li tinsab fil-parametri tal-ligi. F'dan ir-rigward din il-Qorti qed issibu hati ta' zewg kontravenzjonijiet u ghalhekk qed tikkundannah ihallas ammenda ta' hamsin euro (€50) ghal kull akkuza. B'hekk l-appellant ghandu ihallas is-somma ta' mitt euro (€100).

**Consuelo-Pilar Scerri Herrera**

**Imhallef**

Vera kopja

**Maria Grech**

**Deputat Registratur**